**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Mejju, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jeffrey Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jeffrey Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 398684M akkuzat talli fil-11 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tat-08:10hrs gewwa Triq Sant' Andrija, Swieqi:

1) Saq vettura nru. FBN-462 jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f' post pubbliku wara li kkunsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mil-Limitu preskritt (46ug/100ml)
2) Saq l-imsemmija vettura b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza

3) U meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jocelyn Attard skond kif iccertifika Dr Anthea Brincat MB Reg No 5329 mill-M.D.H
4) U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Mifsud skond kif iccertifika Dr Colin NG M.D. Reg. No. 5363 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2015 (inserita a fol. 106 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli

a. Fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 15B, 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta
d. Fl-Artikoli 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fil-11 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tat-8:10hrs fi Triq Sant' Andrija, Swieqi precizament fil-kisra li hemm quddiem il-bini li qabel kien il-Forum Hotel, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBN 462 misjuqa mill-imputat odjern u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBJ 694 misjuqa minn Jocelyn Attard. F' dan l-incident Jocelyn Attard sofra griehi ta' natura gravi li hallew dizabilita' permanenti ta' 8% skond kif certifikat mill-espert kirurgu tal-ortopedija Mr Alec Sultana[1] filwaqt li Marlo Mifsud li kien passiggier fil-vettura misjuqa mill-imputat sofra griehi ta' natura hafifa. Ftit tal-hin wara li sehh l-incident sar breathalyser test fuq l-imputat minn PS 1575 Robert Fava l-Isptar Mater Dei (rizultat inserit a fol 10 tal-atti processwali) fejn irrizulta li l-imputat kellu livell ta' alcohol ta' 0.46mg per 100ml. L-imputat accetta li jaghmel dan it-test.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident de quo it-tnejn xehdu f' dawn il-proceduri[2] fejn it-tnejn sostnew li kienu qed isuqu fuq sajdhom u fil-karreggjata taghhom meta sehh l-incident. M' huwiex kontestat li Jocelyn Attard kien gej mid-direzzjoni ta' San Giljan u sejjer lejn Bahar ic-Caghaq filwaqt li l-imputat kien gej mid-direzzjoni opposta u li l-incident sehh precizament fil-kisra li hemm quddiem l-ex Forum Hotel u f' dik il-parti tat-triq fejn hemm zewg

[1] Vide xhieda u certifikat mediku nseriti a fol 94 et seq
[2] Jocelyn Attard fl-udjenza tad-9.1.2015 u tas-26.2.2015 u l-imputat fl-udjenza tal-21.1.2016 u 26.2.2016

karregjati wahda f' kull direzzjoni u fejn immedjatament wara u mid-direzzjoni li minnha kien gej l-imputat it-triq titwessa' fejn hemm zewg karregjati f' kull direzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f' dan l-incident iz-zewg vetturi sofrew hsara konsiderevoli kif jidher mill-iskizz inserit a fol 80 u mir-ritratt inserit a fol 91. Il-vettura misjuqa minn Jocelyn Attard spiccat imbuttata lura u mahbuta fl-istage li kien hemm man-naha tax-xellug taghha filwaqt li l-vettura tal-imputat baqghet miexja u spiccat mahbuta mal-hajt man-naha tax-xellug taghha.

Illi l-hsara fil-vettura misjuqa mill-imputat kienet fil-bonnet, il-bumper ta' quddiem, fil-bieba ta' quddiem tal-lemin u fil-headlamp tal-lemin filwaqt li fil-vettura ta' Attard il-hsara kienet fil-bonnet, front bumper, front left door, front right door, front right wing, front right wheel, front windscreen, right headlight u roof.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-hsara fiz-zewg vetturi u l-pozizzjoni tal-istess vetturi wara l-incident kif indikata fl-iskizz jindikaw b' mod car li kien l-imputat li meta wasal sabiex jimmanuvra l-kisra f' dik il-parti fejn it-triq tidjieq huwa invada l-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha Jocelyn Attard sabiex b' hekk sehh l-impatt. Dan il-fatt jirrizulta wkoll mill-pozizzjoni tad-debris fuq l-iskizz li huwa kompletament fuq il-karregjata li kien qed jipprocedi fiha Attard u dan jindika li l-impatt sehh fil-karregjata intiza ghall-vetturi qed jipprocedu minn San Giljan lejn Bahar ic-Caghaq. Sewwieq li jinvadi l-karreggjata ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta ghaliex ma jkollux kontroll tal-istess vettura kemm

minhabba l-velocita li jkun qed isuq biha kif ukoll minhabba li jkun qed isuq taht l-influwenza tal-alcohol huwa minghajr dubju sewwieq li qed isuq b' manjiera perikoluza. Fil-kaz odjern huwa evidenti li l-imputat kien qed isuq b' certu velocita' ghaliex altrimenti iz-zewg vetturi nvoluti ma kienx ikollhom dik il-hsara estensiva u inoltre l-vettura ta' Attard ma kinitx tigi mbuttatha daqshekk lura. Dwar il-livell ta' alcohol li kellu l-imputat dan tal-ahhar isostni li huwa nghata xi painkillers meta kien l-Isptar Mater Dei u qabel ma sarlu l-breathalyzer liema medikazzjoni setghet alterat ir-rizultati tat-test. Il-Qorti jidrilha li l-imputat ma gab ebda prova f' dan is-sens kif seta' facilment jaghmel billi jitlob li jigi prodott il-file mediku tieghu mill-Isptar Mater Dei u ghalhekk ma jistax jitqies li huwa rnexxielu jipprova almenu sal-grad tal-probabbli li l-breathalyzer test huwa alterat u null.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan permezz tax-xhieda tal-espert mediku Mr Alec Sultana li l-griehi sofferti minn Jocelyn Attard kellhom il-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda ghal finijiet ta' piena qed jitqies li hemm assorbiment tat-tieni mputazzjoni fit-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-3 t' Awwissu, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 226(1)(a) u (c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15B u 15H u

15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn ewro (€2,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

**MAGISTRAT**